MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2014

Numru. 1112/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**Almiri Samir**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Almiri Samir detentur ta' certifikat tal-protezzjoni sussidjarja bin-numru 14829-13.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Novembru 2014 ghal habta ta' bejn 9:00pm u 9:30pm gewwa Triq il-Kitba, il-Fgura, Malta u f'dawn il-gzejjer:

1. Seraq radio u dokumenti minn karozza Suzuki Samurai numru tar-registrazzjoni LCL-517 ghad-detriment ta' Diane Gatt, ammont komplessiv ta' aktar minn €232.94 liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentament xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Diane Gatt, mobbli jew immobbli billi carrat is-soft cover tal-vettura Suzuki Samurai numru tar-registrazzjoni LCL-517 ghad-detriment ta' Diane Gatt, ghal dannu ta' aktar minn €1164.69;
4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dr J Demicoli LL.D. L-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba li tordna contratio imperio li d-digriet mahrug mill-Magistrat Dr J Demicoli LL.D. u tordna li d-depositu kif ukoll il-garanzija personali ta' €5000 tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentanti;

Rat l-ezami tal-imputat li ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li kkopera mal-prosekuzzjoni; u

Rat illi t-tieni (2) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 279, 325(b) u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lilli-imputat, Almiri Samir, hati tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza u tikkundannah tnax-il (12) xahar prigunerija filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza stante kif inghad hawn fuq hi alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza.

Il-Qorti mhux ser tordna l-konfiska tal-ammont tal-garanzija personali ordnata fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat J Demicoli LL.D. izda tordna r-revoka tal-istess contrario imperio.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------